

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Lulju 2020 – Tognoli et vs Il-Parlament**

(Kawżi magħquda T-395/19, T-396/19, T-405/19, T-408/19, T-419/19, T-423/19, T-424/19, T-428/19, T-433/19, T-437/19, T-443/19, T-455/19, T-458/19, T-458/19 sa T-462/19, T-464/19, T-469/19 u T-477/19) <sup>(1)</sup>

(“*Rikors għal annullament – Dritt istituzzjonali – Statut uniku tad-deputat Ewropew – Deputati Ewropew eletti fil-kostitwenzi Taljani – Adozzjoni mill-Ufficio di Presidenza della Camera dei deputati (Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja) tad-Deċiżjoni Nru 14/2018, fil-qasam tal-pensjonijiet – Emenda tal-ammont tal-pensjonijiet – Rikorsi manifestament inammissibbli*”)

(2020/C 339/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Carlo Tognoli (Milano, l-Italja) u d-19 ir-rikorrent l-ieħor li isimhom huwa inkluż fl-anness tad-digriet (rappreżentant fil-Kawżi T-395/19, T-396/19, T-419/19, T-423/19, T-424/19, T-428/19, T-433/19, T-437/19, T-455/19, T-458/19 sa T-462/19, T-464/19, T-469/19 u T-477/19: M. Merola, avukat, rappreżentanti fil-Kawżi T-405/19, T-408/19 u T-443/19: M. Merola u L. Florio, avukati)

*Konvenut*: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Seyr u S. Alves, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tan-noti tal-11 ta' April 2019 stabbiliti, fil-każ ta' kull wieħed mir-rikorrenti, mill-Kap tal-Unità “Remunerazzjoni u drittijiet soċjali tad-deputati” tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament u li jikkonċerna l-adattament tal-pensjonijiet li huma jibbenefikaw minnhom wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2019, tad-Deċiżjoni Nru 14/2018 tal-Ufficio di Presidenza della Camera dei deputati (Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Carlo Tognoli u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidhru fl-anness għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.

<sup>(1)</sup> ĠU C 280, 19.8.2019.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2020 – DD vs FRA**

(Kawża T-470/20)

(2020/C 339/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent*: DD (rappreżentanti: A. Blot u L. Levi, avukati)

*Konvenuta*: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tal-FRA tal-11 ta' Novembru 2019 li tagħti s-sanzjoni dixiplinari ta' revoka, effettiva mill-15 ta' Novembru 2019;